MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 42

It-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2018

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-13:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 42.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

42.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

42.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 42.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

42.2.1 Is-Sindku qal li iltaqgħa mal-kuntrattur tar-Road Construction sabiex jiddiskutu t-toroq li taħt ir-responsabilta tiegħu. Il-Kuntrattur qallu li jkun aħjar li kieku triq tal-Qasam flok tingħata konkrete issir bit-tarmak. Wara diskussjoni sar qbil li tingħata bil-konkrete kif ħarġet is-sejħa oriġinarjament.

Is-Sindku kompla jgħid li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv (SE) qed ikellmu lil kuntratturi sabiex jibdew ix-xogħolijiet minnufih. Is-SE enfasizzat illi fil-każ tax-xogħoljiet tat-toroq mill-fondi tal-Ewropa, ix-xogħol kif ukoll il-paperwork iridu jkunu inbgħatu u proċessati sal-aħħar ġurnata ta' 2018 għax inkella jintilfu l-fondi.

42.2.2 Is-Sindku qal li iltaqa' mal-Perit Lorriane Cassar fuq il-post fejn hu maħsub li ssir ir-reverse osmosis. Hu kompla jgħid li iċċekjaw u din toqgħod tajjeb flok il-panel li hemm ma taħdimx. Il-Perit għandha tkompli bl-applikazzjoni għall-permessi.

42.2.3 Is-Sindku informa lil Kunsill li kien is-safar bħala parti mill-proġett tal-M.I.E.M.A li hija agenzija li ġġib fondi mil-EU. Hu kompla jgħid li ippropona lil l-istess agenzija biex tapplika għall-fondi sabiex xi darba San Lawrenz ikollu enerġija rinovabbli biżejjed b'tali mod li fil-futur, San Lawrenz ikun jista jinqata' mill-grid tal-Gvern.

Hu kompla jgħid li kieku tajjeb nagħtu xi tip ta' sussidju lil dawk li jipprovdu evidenza li diġa b'xi mod jużaw enerġija rinovabbli. Dan is-sussidju jista' jkun; roħs fil-permessi tal-cranes jew meta jiġu biex jużaw l-e-bikes li ħadna fondi tagħhom.

42.2.4 Is-Sindku qal li irċieva diversi ilmenti illi d-dustbin tal-Belvedere Colle Umberto qed jimtela bil-boroż suwed taż-żibel. Wara diskussjoni sar qbil li jinxtara wieħed li jingħalaq.

42.2.5 Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li ssir general maintenance tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel u s-SE qalet li se ġġib stima.

42.2.6 Is-SE qalet li kellha komunikat minn naħa tal-lands u qalula illi rigward l-propjeta' ta' Għajn Abdul li magħrufa bħala 'Tal-Loqqu', il-Kunsill jista' jissometti idea imfassla li għandu għall-din il-propjeta' biex forsi fil-futur tiġi rilaxxata fil-

pussess tiegħu. Il-Kunsill qabel li nkellmu l-perit tal-Kunsill biex inlestu l-applikazzjoni.

42.2.7 Is-SE qalet li irċivejna emejl mingħand l-AKL sabiex nibgħatu suġġerimenti għall-parking spots bic-charging stations, fejn il-kumpanija GoTo Car se toffri s-servizz ta' karozza tal-elettriku għall-kiri.

Il-SE kompliet tgħid li fl-istess waqt, intbgħatu permessi tat-trenching minfuq is-sistema tat-TM sabiex il-parking spots isiru fil-pjazza f'post li speċifikaw il-kumpanija.

Il-Kunsill iddiskuta din is-sitwazzjoni u qabel li niktbu lill-AKL id-dispjaċir tal-Kunsill kif dawn qabdu u għażlu l-postijiet bla konsultazzjoni kif kellu isir. Sar qbil ukoll li fil-pjazza ma isirux dawn ic-charging stations għaliex diġa hemm problema ta' nuqqas ta' parking. Il-Kunsill qabel li c-charging stations isiru lejn il-Belvedere Colle Umberto u fid-daħla tal-iskola.

42.2.8 Is-SE qalet li hemm bżonn tiġi riveduta l-garanzija tal-Pjazza u l-Isqaqien għaliex permessi differenti jistgħu jagħmlu ħsara ferm ikbar mill-garanzija. Wara diskussjoni sar qbil li titieħed €500.00 bħala garanzija ġenerali għall-tpoġġija ta' cranes, lifters u trakkijiet. Pero jekk ikun hemm permess li se jitmess madum, għamara ta' barra, arbli tad-dawl ecc, trid bilfors issir konsultazzjoni tal-Kunsill biex jiġu diskussi t-termini u l-ammont tal-garanzija.

## 42.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

41.3.1 Is-SE irrimarkat li ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri.

## 42.4 Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart

42.4.1 Is-SE ressqet ir-Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart għall-approvazzjoni. Dan ġie approvat.

## 42.5 Armar tal-Milied

42.5.1 Is-Sindku qal li l-Christmas Tree ikun jixtraq li inżidu iktar għaliex f'xi partijiet neqsin. Hu kompla jgħid li kieku s-sena nżidu ukoll projectors li juru viżwal tal-Milied. Il-Kunsill qabel ma dawn is-suġġerimenti.

## 42.6 Attivitajiet tal-Milied

42.6.1 Il-Kunsill iddiskuta d-dati tal-attivitajiet u d-dettalji tagħhom. Sar qbil li fis-27 u 28 ta' Diċembru isiru l-parties tat-tfal u tal-kbar rispettivament u għall-istaff party nifthemu iktar il-quddiem.

## 42.7 Swejjaq tal-Milied

42.7.1 Is-Sindku qal li irċivejna fondi ta € 2000 mis-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali biex jitella Swejjaq f'Diċembru. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li f'każ ta' maltemp, navżaw lil pubbliku li se titella' l-għada.

## 42.8 Applikazzjoni għall-Proġett EU Citizens Meeting

42.8.1 Is-Sindku informa lil Kunsill illi fl-1 ta' Novembru hu u s-SE għandhom laqgħa il-Meusac Għawdex fejn se niddiskutu l-proġett tal-EU Citizens Meeting.

## 42.9 Miżura ta' Sigurta' għall-Pedestrians fi Triq San Lawrenz u Toroq Oħrajn

42.9.1 Is-Sindku qal li mal-applikazzjoni tal-ispeed sign u għat-talba ta' traffic management minn Charmaine Cassar għac-Child Care Centre, qed jipproponi li jsiru żewġ zebra crossings oħra; waħda quddiem Daħlet il-Ġnien u oħra qrib l-isqaq ta' Pawluzzu. Il-Kunsillier Anthony Formosa ssuġġerixxa li ssir zebra crossing oħra fi Triq il-Wileġ. Il-Kunsill qabel ma dawn is-suġġerimenti.

## 42.10 Tabella bl-Isem taħt l-Ismjiet Uffiċjali tat-Toroq ta' kif kienu magħrufa fl-Antik

42.10.1 Is-Sindku propona li ssir tabella bl-ismijiet uffiċċjali tat-toroq kif kienu magħruf fl-antik. Il-Kunsill qabel.

## 42.11 Bordijiet tal-Evalwazzjoni

42.11.1 Is-SE qalet li rridu naħtru żewġ bordijiet tal-evalwazzjoni, wieħed għall-Road Works Triq il-Wileġ u għall-Fully Electrical Vehicle. Il-Kunsill qabel li naħtru lil:

Road Works in Triq il-Wileġ - Dr. Andrew Cauchi, Perit Mario Cordina, Pauliana Said, William Sultana u Sarah Formosa rispettivament bħala Chairman u Segretarju tal-Bord.

Full Electric Vehicle – Ing. Mario Galea, Perit Mario Cordina, Pauliana Said, William Sultana u Sarah Formosa rispettivament bħala Chairman u Segretarju tal-Bord.

## 42.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

42.12.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 42.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

42.13.1 Il-laqgħa intemmet fl-16:30 u ġiet aġġornata għall-26 ta' Novembru 2018 fl-13:00.

(IFFIRMATA)
Noel Formosa
Sindku

(IFFIRMATA)
Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv